

Brussell, 22 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11030/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0263(NLE)**

**ACP 95
WTO 189
COASI 111
RELEX 669**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 576 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 576 final.

Mehmuż: COM(2020) 576 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2020
COM(2020) 576 final

2020/0263 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-proposta mehmūza għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 218(5) TFUE.

Fit-12 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-Grupp ta' pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

Fit-30 ta' Lulju 2009, l-Unjoni ffirmat il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra¹, ("Ftehim Interim ta' Sħubija"), li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika.

Il-Ftehim għandu l-għan li:

- (a) l-Istati tal-Paċifiku jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-aċċess aħjar għas-suq offrut mill-UE;
- (b) jippromwovu żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-Istati tal-Paċifiku fl-ekonomija dinjija;
- (c) tiġi stabbilita żona ta' kummerċ ħieles bejn il-Partijiet, ibbażata fuq l-interess komuni, permezz tal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ b'mod li jkun konformi mar-regoli applikabbli tad-WTO u l-prinċipju tal-asimetrija, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-limitazzjonijiet fil-kapaċità tal-Istati tal-Paċifiku, f'dawk li huma livelli tal-impenji u ż-żmien meħtieġ għalihom;
- (d) jistabbilixxi l-arranġamenti xierqa għar-riżoluzzjoni tat-tilwim; kif ukoll
- (e) jiġu stabbiliti l-arranġamenti istituzzjonali xierqa.

Il-Ftehim Interim ta' Sħubija ilu jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u Papua New Guinea mill-20 ta' Diċembru 2009 u bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014.

L-Artikolu 80 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija jipprevedi li Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku jistgħu jaderixxu mal-Ftehim abbażi tas-sottomissjoni ta' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994. Għaldaqstant, l-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon daħlu fil-Ftehim ta' Sħubija Interim fil-21 ta' Diċembru 2018² u fis-7 ta' Mejju 2020³, rispettivament u applikawh proviżorjament mill-31 ta' Diċembru 2018 u mis-17 ta' Mejju 2020, rispettivament. Il-proċeduri tal-Partijiet jinsabu għaddejjin għall-adeżjoni tar-Renju ta' Tonga, li indika l-interess tiegħu li jaderixxi mal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

Wara l-adeżjonijiet ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, jenħtieġ li jiġi emendat il-Ftehim ta' Sħubija Interim sabiex dawn il-pajjiżi jiġu elenkati bħala Partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

² ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1.

³ ĠU L 85, 20.3.2020, p. 1.

Interim. Hemm bżonn li jsiru emendi tekniċi simili għall-Ftehim ta' Sħubija Interim kull darba li Stat Gżira tal-Paċifiku jaderixxi miegħu.

1.2 Il-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE

L-Artikolu 68 tal-Ftehim ta' Sħubija Interim li jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet (l-UE u l-Istati tal-Paċifiku).

Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Interim. Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ jista':

- (a) jistabbilixxi u jissorvelja kwalunkwe kumitat jew korp speċjali meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim;
- (b) jiltaqa' fi kwalunkwe ħin maqbul bejn il-Partijiet;
- (c) iqis kwalunkwe kwistjoni taħt il-Ftehim u jieħu azzjoni xierqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu; kif ukoll
- (d) jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet f'każijiet previsti fil-Ftehim.

L-Artikolu 78 (il-klawżola ta' reviżjoni) jipprevedi li l-Kumitat tal-Kummerċ jista' jirrevedi dan il-Ftehim ta' Sħubija Interim, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u t-twettiq tiegħu meta jkun meħtieġ u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Partijiet biex jiġi emendat.

Eżitu tas-sitt u s-seba' Kumitat tal-Kummerċ

Fl-24 ta' Ottubru 2018, il-Partijiet fil-Ftehim ta' Sħubija Interim (l-UE, PNG, il-Fiġi), u l-Istat Indipendenti ta' Samoa, il-Gżejjer Solomon u Tonga bħala osservaturi, skambjaw fehmiet dwar **il-kamp ta' applikazzjoni u l-proċedura** għall-introduzzjoni tal-emendi tekniċi għall-Ftehim, li jkunu meħtieġa wara adeżjoni.

Il-Partijiet fasslu **l-kamp ta' applikazzjoni** tal-emendi bħala limitat għall-ejenkar ta' Stat tal-Paċifiku aderenti bħala Parti fil-Ftehim ta' Sħubija Interim u għaż-żieda tal-offerta tiegħu ta' aċċess għas-suq mal-Anness II tal-Ftehim (dazji doganali fuq prodotti li joriġinaw mill-Parti tal-UE). Fir-rigward tal-**proċedura**, il-Partijiet innotaw li bħalissa l-Kumitat għall-Kummerċ ma għandux is-setgħa jintroduċi tali emendi (il-bażi ġuridika skont il-Ftehim ta' Sħubija Interim mhijiex suffiċjenti). Il-Partijiet skambjaw fehmietom dwar it-tliet alternattivi proċedurali li ġejjin.

L-Alternattiva 1 – Li jitqies li l-emendi kkonċernati jkunu introdotti b'mod impliċitu fil-Ftehim ta' Sħubija Interim minħabba l-adeżjoni (l-Artikolu 80); b'hekk, ma jkunx hemm bżonn li jiġu introdotti espressament permezz ta' proċedura speċifika.

L-Alternattiva 2 – Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jagħmel dikjarazzjoni dwar kif jinqara l-Ftehim ta' Sħubija Interim wara l-adeżjoni, fir-rigward tal-emendi tekniċi meħtieġa. L-Artikolu 68(4)(c) jipprovdi l-bażi ġuridika għal dikjarazzjoni ta' dan it-tip.

L-Alternattiva 3 – Il-Partijiet jistgħu jemendaw l-Artikolu 80 tal-Ftehim ta' Sħubija Interim biex jagħti s-setgħa lill-Kumitat tal-Kummerċ li jadotta d-deċiżjonijiet neċessarji fid-dawl ta' adeżjoni għida.

Il-Kumitat tal-Kummerċ qabel li l-Alternattiva 3 tipprovdi ċertezza tad-dritt, u impenjat ruħha li tirrakkomanda lill-Partijiet jemendaw l-Artikolu 80 skontha. Wara s-seba' laqgħa tiegħu tat-3-4 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat tal-Kummerċ adotta rakkomandazzjoni għal dak il-għan, f'konformità mal-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni (Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1707 tas-17 ta' Ġunju 2019, ĠU L 260, 11.10.2019, p. 45).

1.3. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta timplimenta l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-oħra, ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE", jew il-Ftehim ta' Cotonou)⁴, li huwa l-bażi ġuridika għall-Ftehim Interim ta' Sħubija.

L-adeżjoni ta' Stati tal-Paċifiku oħrajn mal-Ftehim ta' Sħubija Interim issaħħaħ il-qafas ġuridiku tar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-pajjiżi sħab, tiffaċilita l-kummerċ reċiproku u l-inklużjoni fl-ekonomija globali. Hija tinkorpora wkoll lil dawk l-Istati fir-reġim ta' regoli konġunti u fl-istituzzjonijiet stabbiliti mill-Ftehim.

1.4. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-Ftehim ta' Sħubija Interim huwa ftehim kummerċjali li jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp armonjuż ta' suq dinji, li joffri aċċess asimetriku għas-suq lill-Istati aderenti l-ġodda u jippermettilhom jipproteġu setturi sensitivi mil-liberalizzazzjoni, filwaqt li jipprovdu għadd kbir ta' salvagwardji u klawżola ta' protezzjoni għall-industriji li jkun għadhom jibdedw. Il-Ftehim fih dispożizzjonijiet dwar ir-regoli ta' orijini li jiffaċilitaw l-esportazzjonijiet tagħhom fl-UE lejn l-UE. Huwa fih ukoll dispożizzjonijiet dwar żvilupp sostenibbli (l-Artikolu 3), fejn il-Partijiet jafferma mill-ġdid li l-għan tal-iżvilupp sostenibbli għandu jkun parti integrali tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, b'mod konsistenti mal-oġettivi u l-prinċipji ewlenin stabbiliti fil-Ftehim ta' Cotonou, u b'mod speċjali l-impenn ġenerali biex jitnaqqas u eventwalment jinqered il-faqar b'mod li jkun konsistenti mal-oġettivi tal-iżvilupp sostenibbli. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxu għall-oġettiv ta' Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u huma konsistenti mal-Artikolu 208(2) TFUE.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

2.1. Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu.

2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-politika kummerċjali komuni, f'konformità mal-Artikolu 3 TFUE, hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

2.3. Proporzjonalità

Din il-proposta hija meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-impenji internazzjonali tal-Unjoni, kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, b'mod partikolari biex jiġu konklużi arranġamenti ġodda ta' kummerċ kompatibbli mad-WTO li qegħdin progressivament ineħħu l-ostakli għall-kummerċ bejn il-Partijiet u jtejbu l-kooperazzjoni fl-oqsma kollha rilevanti għall-kummerċ mal-Istati tal-Paċifiku.

2.4. Għażla tal-istrument

Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

⁴ ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3. Il-Ftehim kif emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

3.1. Valutazzjoni tal-impatt

Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibilità (VIS) tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika UE-AKP twettqet bejn l-2003 u l-2007. It-termini ta' referenza għal dan il-proġett ġew ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea fl-2002 f' sejħa għall-offerti kompetittiva. B'riżultat ta' din is-sejħa għall-offerti, ingħata kuntratt qafas ta' ħames snin lil PwC France f' Awwissu 2002. Abbozz tar-rapport finali tal-VIS tressaq quddiem il-partijiet ikkonċernati fl-Ewropa matul laqgħa ta' Djalogu tas-Soċjetà Ċivili tal-UE organizzata mill-Kummissjoni Ewropea fit-23 ta' Marzu 2007 fi Brussell, il-Belġju.

3.2. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

L-approvazzjoni tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Interim mhijiex soġġetta għall-proċeduri REFIT; ma timplika l-ebda spiża għall-SMEs tal-Unjoni; u ma tqajjem l-ebda kwistjoni mil-lat tal-ambjent diġitali.

3.3. Drittijiet fundamentali

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-deċiżjoni proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

5.1. Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-Artikolu 1 tal-proposta japprova l-iffirmar tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Interim f' isem l-Unjoni.

L-Artikolu 2 jawtorizza lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill biex jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Interim.

L-Artikolu 3 jispeċifika li l-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Interim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li [kkunsidra l-proposta/kkunsidraw il-proposta] tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP)¹.
- (2) Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra² (il-“Ftehim Interim ta' Sħubija”), li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, kif iffirmat f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009. Il-Ftehim Interim ta' Sħubija ilu jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u Papua New Guinea mill-20 ta' Diċembru 2009 u bejn l-Unjoni u Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014.
- (3) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija jipprevedi l-adeżjoni ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħra. Bid-Deċiżjoni (UE) 2018/1908³ u d-Deċiżjoni (UE) 2020/409⁴, il-Kunsill approva rispettivament l-adeżjonijiet ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon għall-Ftehim Interim ta' Sħubija. Samoa ssieħbet fil-Ftehim ta' Sħubija Interim fil-21 ta' Diċembru 2018 u ilha tapplikah b'mod proviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018, u l-Gżejjer Solomon issieħbu fil-Ftehim ta' Sħubija Interim fis-7 ta' Mejju 2020 u ilhom japplikawh b'mod proviżorju sa mis-17 ta' Mejju 2020.
- (4) Wara l-adeżjonijiet ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li jiġi emendat il-Ftehim ta' Sħubija Interim sabiex dawn il-pajjiżi jiġu elenkati bħala Partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija Interim. Jenħtieġ li ssir emenda simili għall-Ftehim Interim ta' Sħubija kull darba li Stat tal-Gżejjer tal-Paċifiku jaderixxi għall-Ftehim.

¹ Id-Direttivi tal-Kunsill għan-negozjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP (9930/02 (DG E II) HH/sg).

² ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1908 tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar l-adeżjoni ta' Samoa mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1.)

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/409 tas-17 ta' Frar 2020 dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 85, 20.3.2020, p. 1.)

- (5) L-Artikolu 68 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ li għandu jittratta l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Huwa xieraq li l-Kumitat għall-Kummerċ jingħata s-setgħa li jiddeċiedi dwar kwalunkwe emenda għall-Ftehim Interim ta' Sħubija li tista' tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta' Stati Gzejjir tal-Paċifiku oħra.
- (6) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1707⁵, il-Kunsill iddeċieda dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ fir-rigward ta' dawk l-emendi, li ġew maqbula fis-seba' laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ li saret fl-4 ta' Ottubru 2019.
- (7) Għaldaqstant, il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Interim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (8) Peress li l-Artikolu 76(2) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija jipprevedi l-applikazzjoni proviżorja tiegħu sakemm dan jidħol fis-seħħ, il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Interim jenħtieġ li jiġi applikat b'mod proviżorju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-iffirmar tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gzejjir Solomon, u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gzejjir tal-Paċifiku oħrajn, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi ftehim.
2. It-test tal-Ftehim li jrid jiġi ffirmat huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim, għall-persuna(i) indikata(i) min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju, skont l-Artikolu 76(2) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija, mid-data tal-firma tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1707 tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni għal ċerti emendi li għandhom isiru għall-Ftehim biex titqies l-adeżjoni ta' Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gzejjir oħra tal-Paċifiku (ĠU L 260, 11.10.2019, p. 45.)